10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 22**

**23 ta' Ġunju 2025**

Il-laqgħa numru 22 saret b'urġenza fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar is-23 ta' Ġunju 2025 fil-19.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Stephen Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Is-Sur Karl Carabott

**ASSENTI:**

Is-Sur Darren Grech

Is-Sa Roberta Sultana

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

Dr Natalino Caruana De Brincat — Avukat

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' apoloġija waħda tas-Sur Karl Carabott.

## 2 Bus Shelter

Is-Sindku qal li li l-kunsill irċieva email mingħand l-avukat tal-kuntrattur tal-Bus Shelter. Koppja ta' din l-email intbagħtet lil-kulħadd permezz ta' email. Kellna ukoll email risposta mingħand Karl, Roberta u Joe. F'din l-email kien hemm miktub hekk:

*Il-Kunsill qed jaqbel li dan ix-xoghol tal-bus shelter sar skont kif talab hu?*

*Jekk iva, il-Kunsill lest li jhallas ghal xi haga li ma saritx sew?*

*Kemm hi s-somma finali ghall-hlas? Spejjez legali kulhadd se jbati tieghu?*

*Il-Kunsill, jekk jaccetta, se jkun qed jghid li hu kuntent b'dan il-bus shelter?*

*Jekk naccettaw, se nzommu dan il-bus shelter kif inhu?*

Stephen qal li xogħol kien sar skond il-kuntratt imma kien hemm diverġenza fid-disinn. Stephen qal li l-kuntrattur kien ammetta verbalment dan u kellhom jaraw mal-perit tagħna kif u fejn ħa jonqos il-prezz. Is-Sindku saqsa hekk kienx hemm ftehim. Stephen qal li kien hemm ftehim bejn il-kuntrattur u l-perit verbalment. Joe saqsa għala ma jridx jiċċertifika ix-xogħol. Stephen qal li dak il-perit jafu.

Joe qal li skond il-minuti antiki, l-bus shelter kellu jiġi 18k b'varjazzjoni ta' 1.9k għal perspex quddiem. Stephen qal li waqt il-meeting li l-kunsill kellu mal-kuntrattur, il-kuntrattur ikkonferma li b'13K kienu kuntenti ukoll. Is-Sindku qal li fil-laqgħat preċedenti l-kunsill kien ħa deċiżjoni li dan il-bus shelter ma jitħallasx fuq ħafna raġunijiet. Silvio qal li il-perit ma jridx jiċċertifika l-bus shelter għax skontu mhux kif kien suppost sar. Għalhekk il-kunsill mhux

f'pożizzjoni li jħallas il-bus shelter mingħajr ċertifikazzjoni. Stephen sostna li hekk kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni mal-perit, ma jistax il-kunsill jgħid li l-bus shelter ma jitħallasx.

L-avukat qal li l-ikbar diffikulta kienet li l-Kunsill qatt ma' qal li dan ix-xogħol mhux aċċettat u li kellu jinqala. Stephen qal li ma setax għax iż-żmien kien li kien. Imma l-kuntrattur b'mod informali kien qal li lesti jnaqqsu somma.

Is-Sindku qal li hu personali ġa ladarba l-kunsill ħa deċiżjoni li ma jitħallasx fil-fehema tiegħu ma kellix tinbidel imma hekk il-kunsill jaħseb li din id-deċiżjoni tinbidel hu jibqa' tal-istess fehema ta' qabel. Stephen qal li hu ma kienx parti minn din id-deċiżjoni u l-pożizzjoni tiegħu kienet ċara bħalma ikkumenta qabel.

Is-Sindku qal li ma jistax jifhem għala Karl kien bagħat dawn il-mistoqsijiet għax dawn kienu diġa twieġbu fil-laqgħat ta' qabel, imma sabiex jagħmila ċara, ser ikun qed jerġa jwieġeb:

- *Il-Kunsill qed jaqbel li dan ix-xoghol tal-bus shelter sar skont kif talab hu?- LE*
- *Jekk iva, il-Kunsill lest li jhallas ghal xi haga li ma saritx sew? - LE*
- *Kemm hi s-somma finali ghall-hlas? Spejjez legali kulhadd se jbati tieghu? – L-ammont rikjest hu ta 21K li naqas għal 18K li imbgħad verbalment naqas għal 13K. Fuq l-ispejjeż legali le mhux kulħadd ibagħati tiegħu.*

Stephen qal li l-Kunsill jista' jitlob li jinqala. Is-Sindku qal ukoll li anke hekk il-kunsill ibiddel il-verżjoni tiegħu u dan il-bus shelter jitħallas għal 13K jibqa' l-fatt minn ser jiffirma għal dan il-pagament. Il-pagament irid 3 firehm biex jaddi u il-kunsilliera ma jridux jiffirmawh u inkluż. Hawnhekk l-avukat spjega li kien hemm il-possibilita' li dawn il-flus jintefgħu il-qorti b'ċedola. Hekk din ma ssirx il-kunsill ser ikun qed jeħel l-interessi.

Silvio saqsa l-avukat hekk il-kuntrattur jew l-avukat tiegħu għamilx xi kuntatt mal-avukat tal-kunsill? L-avukat qal li le.

Stephen qal li hekk il-każ jispiċċa l-qorti hu kien ser jixehed kif tkellem illum waqt il-laqgħa. Kien hemm diverġenza fid-disinn. Is-Sindku qal li dan il-bus shelter illegali peress li mhemmx biżżejjed spazju fuq il-bankina u għalhekk ma kienx sar minn faces. Stephen qal li il-kunsill kien daħal għal dan il-bus shelter għax Transport Malta u l-faces ma ridux. Is-Sindku sostna li ma ridux għax il-bus shelter illegali. Kieku setgħa jsir minn TM u Faces, kienu jamluh.

Stephen qal li dan il-bus shelter qed jgħamel ħafna ġid. Stephen qal ukoll li bħala kunsill qed naqblu li l-bus shelter ma sarx skond id-disinn. Dak iż-żmien kien hemm qbil informali li titnaqqas is-somma b'madwar 2k. meta saret il-laqgħa bejn il-kuntrattur u l-kunsill kienet issemmiet il-proposta ta' 13K mingħand il-kuntrattur.

Is-Segretarju spjegat li hemm opzjoni oħra dik ta' perit tal-qorti li jgħati valutazzjoni tal-bus shelter u jitħallas dak l-ammont. Joe qal li hekk qed toħloq sfiduċja fil-perit tal-kunsill. Imma l-avukat qal li b'dan il-mod id-deċiżjoni tkun imparzjali u la qed toqod fuq il-perit tal-kunsill u lanqas fuq il-perit tal-kuntrattur. Is-Sindku saqsa hekk il-perit tal-qorti u deċiżjoni tiegħu torbotx il-kunsill. L-Avukat qal li l-kunsill ikollu rakkomandazzjoni fuq xiex jimxi u din tkun direzzjoni ċara.

L-Avukat qal ukoll li l-aħjar il-kunsill jitlob rapport lil-perit fuq x'ġara u ala mhux qed jaqbel. Is-SE kienet ser titkellem mal-perit fuq dan ir-rapport. Hawnhekk ittieħed vot fuq hekk il-bus shelter kienx ser jitħallas għas-somma ta' 13K.

Voti kontra: 3

Voti Favur: 1

Għaldaqstant l-avukat ingħata direzzjoni li jibgħat lill-avukat tal-kuntrattur u jinfurmah li l-kunsill hu tal-istess fehema u ma kienx hemm għalfejn jiltaqa'.